MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-10 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 394/2002/1

**Cit Nru: 394/02 JA**

**Polidano Bros. Limited u**
**Road Servicing Limited.**

**-vs-**

**Diretur Generali tal-Kuntratti u Dipartiment tal-Kuntratti.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-8 ta’ April, 2002 li bih is-socjeta’ attrici ppremettiet:

Illi f' April 2001, id-Direttur tat-Toroq flimkien mal-konvenuti jew min minnhom, hargu sejha ghall-offerti fir-rigward ta' l-"Advert CT166/2001 Construction of New Roads for a Grade Separated Intersection new the New Hospital at Tal-Qroqq";

Illi s-socjetajiet atturi kienu fost l-offerenti li tefghu 'joint bid';

Illi l-process tal-aggudikar ta' dan l-istess tender issa wasal fi stadju avvanzat tant illi diga' infethu l-prezzijiet ta' l-ahhar zewg gruppi ta' tenderers (socjetajiet atturi u grupp iehor);

Illi minkejja dan, id-Dipartiment konvenut permezz ta' korrispendenza mibghuta bil-fax nhar l-14 ta' Marzu, 2002, informat lis-socjetajiet atturi li ghandhom jimlew u jissottomettu d-dokument hawn anness u mmarkat Dok AD1 u dan sa nhar il-Hamis 21 ta' Marzu, 2002 fl-10:00 ta' filghodu, u liema document jekk jintbaghat u jigi accettat kien ikollu l-effett illi jbiddel kemm il-prezz kif ukoll is-sottomissjonijiet teknici u ta' disinn ta' l-offerenti in gara;

Illi dan l-agir ipoggi lis-socjetajiet atturi fl-impossibilita' li jikkompetu gustament fuq bazi ugwali billi l-offerenti l-iehor issa jaf l-prezz offrut, kif ukoll dan l-agir jmur kontra l-procedura mahsuba fil-L.N. 70/96 billi s-socjetajiet attui ma' jkollhom ebda rimedju f' dan l-istadju;

Illi sabiex jikkawtelaw id-drittijiet taghhom is-socjetajiet atturi intavolaw mandat ta' inibizzjoni nhar it-18 ta' Marzu, 2002, liema mandat igib in-Numru 600/02 GV;

Illi dan il-mandat intlaqa' provvisorjament nhar it-18 ta' Marzu, 2002, u gie kkonfermat definittivament permezz ta' digriet datat t-3 ta' April, 2002 (kopja informali hawn annessa u mmarkata Dok. AD2);

Illi is-socjetajiet atturi jehtiegilhom illi dan il-mandat jigi kkonfermat b' mod definittiv minn din l-Onorabbli Qorti;

Ghalhekk jitolbu lill-din l-Onorabbli Qorti ghalhiex m' ghandhiex:

1. Tiddikjaa illi dan l-agir kieku kellu jithalla jsehh kien ikun wiehed ivvizzjat proceduralment u jqieghed lis-socjetajiet atturi f' impossibilita' li jikkompetu gustament fuq bazi ugwali u ghalhekk jikkawza dannu irrimedjabbli lis-socjetajiet atturi stante illi t-"*tenderers*" l-ohrajn jkunu vantaggjati billi jafu l-prezz tal-parti l-ohra li qed toffri u cioe' dik tas-socjetajiet atturi;

2. Tikkonferma l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni numru 600/02GV tat-18 ta' Marzu, 2002, kif iddegretat definittivament fit-3 ta' April, 2002 u tinibixxi permanentement lill-konvenuti jew min minnhom milli jaccettaw tibdil fil-prezz u/jew tibdil jew zidiet fil-kundizzjonijiet teknici/xogholijiet sottomessi fir-rigward tas-sejha ghall-offerti ghat-tender hawn fuq imsemmija;

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numu 600/02GV tat-18 ta' Marzu, 2002 kontra l-konvenuti jew min minnhom li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetajiet atturi mahlufa minn Paul Polidano ghan-nom ta' Polidano Bros. Ltd u Emanuel Vella ghan-nom ta' Road Servicing Ltd., fit-8 t' April, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tal-Kuntratti prezentata fit-3 ta' Mejju, 2002 li permess taghha ecepixxa:

1. Illi din ic-citazzjoni hija intempestiva ghaliex huwa mal-ewwel mexa mad-digriet li kien inghata provizorjament fit-18 ta' Marzu, 2002 u li gie kkonfermat bid-digriet tat-3 t' April, 2002. Huwa rtira l-ittra li kien bahat qabel u
baqa' sejjer bil-process tat-tender. Fil-mument, id-decizjoni li ttiehdet fil-Kumitat hija li jinghata l-kuntratt lil Polidano Brothers Limited u lil Road (sic) Serving Limited li huma l-atturi f' din il-kawza.

2. Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa fit-3 ta’ Mejju, 2002 minn Joseph V. Spiteri u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ cessjoni fuq il-mertu u l-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Novembru, 2003 li permezz taghha il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-Kap ta’ l-ispejjez.

Semghet lill-Avukati tal-partijiet.

Illi in effetti din il-kawza giet ceduta fit-3 t’ Ottubru, 2002 wara li l-konvenut kien gia ikkonceda l-kuntratt in kwistjoni lill-atur fit-3 ta’ Mejju, 2002. Ma dan kollu l-atturi kellhom jistitwixxu din il-kawza biex ma’ jiskadilhomx il-perjodu indikat mill-Ligi wara l-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni.

L-Art.36 tat-Tariffi (Kap 12) fid-drittijiet in konnessjoni mal-kawai jghid li meta kawza tigi ceduta qabel is-smiegh taghha, l-ispejjez ikunu nofs ta’ dawk altrimenti pagabbli wara.

Ghalhekk una volta l-atturi seghu cedew il-kawza qabel, hu gust li l-ispejjez jigu spartiti.

**Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu in vista tan-nota ta’ cessjoni, tordna li l-ispejjez tal-kawza jithallsu ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------